# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 110/2015**

Il-Pulizija

(Spettur Johann Fenech)

vs

**Helen Bugeja**

**Omissis**

Mart Alfred, imwielda Pieta', fl-1 ta' Gunju, 1967, detentriċi tal-karta ta' l-identita' numru 222867(M)

Illum 13 ta' Novembru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanta Helen Bugeja quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Ġzejjer fit-28 ta' Ġunju, 2002 u fl-aħħar ġranet qabel dina d-data:

1. Forniet jew ipprokuriet jew offriet li tforni jew li tipprokura droga eroina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza, dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-

persuna/i jew għall-persuna/i, mingħajr ma kellha liċenżja mill-President ta’ Malta, u mingħajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-1939, għall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta, li tforni d-droga msemmija, mingħajr ma kienet fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-tabib Prinċipali tal-Gvern, skont id-dispozizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u mingħajr ma kellha liċenzja jew xort’oħra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha liċenzja li tipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939, għall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement amendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.

2. Ukoll talli kellha fil-pussess tagħha d-droga eroina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinitx bil-liċenzja jew xort’oħra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u ma kinitx b’xi mod ieħor, bil-liċenzja mill-President ta’ Malta li jkollha fil-pussess tagħha din id-droga, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha għall-użu tagħha skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101. tal-Liġijiet ta’ Malta.

3. Talli saret reċidiva b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta’ Malta (Mgt. Dr. Noel Cuschieri) fid-19.10.06.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordnalha tħallas l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-25 ta’ Frar, 2015 fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u (ii) tal-Kapitolu 101, r-Regolamenti 4 u 9 tal-

GN 292/1939, u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputata mhux ħatja tat-tielet imputazzjoni dedotta kontra tagħha, u lliberatha minnha, sabet lill-imputata ħatja tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha, u kkundannatha għal sentejn u disa’ (9) xhur priġunerija effettiva, kif ukoll kkundannatha għall-ħlas ta’ multa ta’ elfejn Euro (€2,000.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta tista’ titħallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ sittin Euro (€60.00). L-ewwel pagament għandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-ħatja tiskonta l-piena karċerarja li qed tiġi b’din is-sentenza erogata, u għall-dan il-fini r-Reġistratur għandu jivverifika mal-awtoritajiet karċerarji din id-data. Pero jekk il-ħatja tonqos li tħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta’ ġurnata ħabs għal kull ħamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

In oltre, il-Qorti ordnat lill-ħatja tħallas l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, liema spejjeż għandhom jitħallsu fi żmien sitt (6) xhur minn meta jiġi komunikat lilha l-ammont hekk dovut mir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, b’dan li jekk il-ħatja tonqos li tħallas dan l-ammont jew parti minnu fiż-żmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija bir-rata ta’ ġurnata ħabs għal kull ħamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati magħha ezebiti, taħt is-supervizjoni tar-Reġistratur.

Rat ir-rikors tal-appellanta Helen Bugeja minnha ppreżentat fid-9 ta’ Marzu, 2015 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza fuq indikati ta' 25 ta' Frar 2015 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura billi tikkonferma li mhix ħatja tat-tielet akkuża, iżda tilliberha mill-ewwel u tieni akkuża u fin-nuqqas tagħti sentenza aktar ekwa u ġusta.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma għamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirriżultaw mill-provi prodotti. Hija f'idejn il-prosekuzzjoni li tipprova u mhux id-difiza li l-appellant kienet konsapevoli li fil-karkur li kellu l-ko-akkużat, li jiġi hu Alfred Bugeja, ir-raġel ta' l-appellant, kien

hemm id-droga. L-appellanta kienet qalet li kienet hi li tat il-karkur lill-ko-akkużat, iżda ma kinitx taf li meta mar il-ħabs kellu id-droga fih. B'hekk hemm żewġ scenerios għall-prosekuzzjoni, jew dan huwa minnu li l-appellant tat karkur u kien il-ko-akkużat li għamel id-droga mingħajr ma informa l-appellanta jew inkellha mhix minnu u l-appellanta kienet taf. Il- prosekuzzjoni u mhux id-difiza trid tipprova t-tieni scenerio 'l hinn minn kull dubju ragonevoli. L-Ewwel Onorabbli Qorti ibbażat il-ħtija għaliex l-appellanta hija mill-Isla u l-ko-akkużat huwa minn Bormla u ma spjegatx fl-istqarrija jew imxietx minn  Bormla jew l-ko-akkużat mar għalihom hu.

It-tieni punt huwa li l-appellant ma akkumpanjatx lil hu r-raġel il-ħabs bl-affarijiet u fuq kollox għaliex stenniet hu r-raġel, il-ko-akkużat id-dar mela bil-fors u m'hemmx spjegazzjoni oħra skond l-Ewwel Qorti li kienet konsapevoli li fil-karkur kien hemm id-droga.

Illi għar-rigward il-pussess personali tagħha tad-droga, din qatt ma ġiet kkontestata u anki il-fedina penali tagħha jindika li hi kienet dipendenti mid-droga. Iżda m'għandhiex tkun konkluzjoni awtomatika li ttraffikat id-droga l-ħabs.

Illi l-appellanta ssostni li l-piena minkejja li qegħda fil-parametri tal-Liġi, xorta waħda mhix ekwa u ġusta.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta’ din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għal konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-

Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għal-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni. F'dan il-kuntest wieħed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deċiza fl-14 ta' Frar, 1989;

Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deċiza fil-31 ta' Mejju, 1991;

Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deċiza fit-12 ta' Mejju, 1994;

Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deċiza fis-6 ta' Gunju, 1994;

Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deċiza fit-28 ta' April, 1995;

Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deċiza fit-3 ta' Novembru, 1995; u

Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef deċiża fit-18 ta' Marzu, 2010; kollha appelli kriminali.

Illi magħmula din il-konsiderazzjoni wieħed għandu biex jgħaddi għall-eżami tal-aggravji tar-rikorrenti u jagħmel analiżi tagħhom.

**Ili fl-aggravju, l-appellanta tilmenta li l-fatt li kienet taf bid-droga ġol karkur li għaddiet lil ko –akkużat ma ġiex pruvat mill-Prosekuzzjoni .**

Il-karkur li kien fih id-droga kien fil-pussess tal-appellanta u kienet għaddietu lil ħu r-raġel tagħha, biex dan tal-aħħar jgħaddih lir-raġel tagħha li kien jinsab il-ħabs flimkien ma' xi lożor.

Id-droga kienet moħbija sew fil-karkur stante li meta ħa l-karkur l-ħabs il-ko-akkużat u iċċekjawh l-uffiċjali fil-bidu qas kienu ndunaw bil-qasma fil-karkur, kien wara li reġgħu flewħ bir-reqqa li ndunaw biż-żewġ pakketti tad-droga moħbija.

Meta xehed l-Uffiċjal Prosekutur is-Supretendent Neil Harrison f'dan ir-rigward kien qal is-segwenti:

‘*Saret tfitxxija fuq fuq u ma nstab xejn pero din kienet moħbija b’tali mod li jidhirli kienet inkullata, jiġifieri huma meta għamlulu tfittxija ma fetħux is-slipper, għamlu tfittxija mingħajr ma fetħu. Meta għamlu iktar tfittxija intensive u fetħu xi partijiet minnu li kienet inkullata, hemmhekk instabu…’’ (fol 47)*

Ix-xhud PS327 Sean Pace li kien sab id-droga kien qal li:

*‘ Sibna, għax dan kien karkur tal-qiegħ oħxon bid-drapp, taħt il-qiegħ dehret qisha tumbata għalhekk ġiena suspett fihu x’ħin ftaħnieh kien hem borża tal-plastic żgħira u kien hem qisu xi trab ġo dik il-borża stess. Minn barra ma kienux jidhru. Trid tiftaħ id-drapp u tiċċekkjah sew. L-uniku oġġett li kien jidher minn barra kien li karkura minnhom kienet ċatta u fil-karkura l-oħra kien hem qisha imqabbża u b’hekk iddeċidejna li niftħuh.’ ( Fol 91)*

Madankollu, meta nstabet id-droga, mal-ewwel saret tfittxija fid-dar tal-ko akkużat u ma nstab xejn. Ma jistax jingħad l-istess għall-appellanta stante li nstabu traċċi tad-droga Eroina fil-baskett tagħha fuq *foil* u dan ġie konfermat mill-ispiżjar Mario Mifsud wara li nħatar sabiex jeżamina l-affarijiet li ġew elevati minn fuq l-appellanta.

Kemm l-appellanta u kif ukoll ir-raġel tagħha Alfred Bugeja meta ġew interrogati stqarru li ma kienux jafu xejn dwar id-droga li nstabet fil-karkur.

Fl-istqarrija tagħha hija tammetti li l-karkur kienet għaddietu lil ħu r-raġel tagħha u a fol 51 hija tgħid li ma ħaditx il-karkur lir-raġel tagħha **għax hu stess kien qallha biex jeħodulu ħuh u għax kellha l-karozza bil-ħsara**. Setgħet faċilment akkumpanjat lil ko-akkużat bih għax qalet li kienet hi li għaddietulu ftit tal-ħin qabel ma qabad triqtu lejn il-ħabs iżda ma marritx miegħu għax kienet taf li kellha traċċi tad-droga fil-baskett tagħha u ma kienx għaqli għaliha li tmur bih hi.

L-ammont ta’ herojina misjuba fil-karkur kienet konsiderevoli u mhux traskurabbli cioe; ta’ **2.805 Grammi** li jiġu diviżi f’erbatax –il doża peress li d-doża tipika tal-eroina hija ta’ 0.2 grammi ( kif ġie indikat mill-Ewwel Qorti ) u in oltre, l-intenzjoni kienet li tiġi traffikata fl-ambjent ristrett u magħluq tal-ħabs.

Illi din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijet magħmula mill-Ewwel Qorti dwar is-sejbien ta' ħtija tal-appellanta. Il-konklużjoni hija waħda raġunata u bbażata fuq il-fatti għaldaqstant din il-Qorti ma tħossx li għandha tissotitwixxi tali deċiżjoni

Illi nkwantu jirrigwarda l-piena, l-Ewwel Qorti kienet fil-parametri tal-liġi pero' stante l-fatt li minn mindu ġara r-reat sa meta ngħatat is-sentenza mill-Ewwel Qorti għaddew tlettax (13) –il sena Din il-Qorti tħoss li għandu jkun hemm varjazzjoni fl-ammont ta' priġunerija imposta mill-Ewwel Qorti.

Għaldaqstant din il-Qorti qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti nkwantu jirrigwarda s-sejbien ta' ħtija u l-multa ta' elfejn (€ 2,000) Ewro. Dwar il-piena karċerarja tvarja l-ammont ta' sentejn u disa' xhur priġunerija għal sentejn (2) priġunerija effettiva .